# GĦAJNSIELEM FI ŻMIEN IL-GWERRA

minn **Charles Bezzina**



Iż-żmien jgħaddi, jeqred u jtemm. Hafna ġrajjiet ta' l-imgħoddi huma litanija twila ta' avvenimenti li ġraw tul is-sekli. Hafna stejjer ta' l-imgħoddi ntilfu mal-medda taż-żminijiet filwaqt li oħrajn iddaħħlu f'kotba kbar biex jibqgħu tifkira dejjiema. Bħal ħoloq f'katina tissawwar l-istorja u bħal ġebla fuq oħra jinbena l-ħajt tal-ġrajjiet imkaħħal bl-istejjer sbieħ jew koroh, ta' ferħ jew ta' diq li minnhom għaddew missirijietna. B'hekk jinkiteb il-ktieb ta' artna, ktieb li bħala maħżen ta' għarfien, jgħaddi l-fatti ta' lbieraħ b'ċerta elokwenza, biex min jaqra jkun jaf, jitgħallem u jsir jaf minn xiex għaddiet il-ġenerazzjoni ta' qabel. B'hekk xi ġrajjiet ta' l-imgħoddi baqgħu miftakra, imgħollija għall-ġieħ fuq l-altar tal-patrija tagħna u mżejna b'kuruna ta' rand li ma tinxef qatt.

Imma llum ħsiebi se jmur lejn ġrajja waħda kiebja, ġrajja kbira ta' qirda u mewt, ta' hemm u ta' sagrifiċċju, ta' ġuħ u ta' tbatija. Hija ġrajja li seħħet mhux tant 'il bogħod u li għall-grazzja t'Alla għadha miftakra minn għadd ta' anzjani. Dawn ilkoll għandhom xi esperjenza x'jirrakkuntaw dwar il-gwerra, dwar il-kerfju, dwar il-blekawt, il-blekmarkit, is-sirena, dwar ir-razzjon u dwar l-għaks li ħakimhom. Illum ħsiebi jmur lura u nhewden kemm fiż-żmien ikraħ tal-gwerra l-Għawdxin għarfu jissagrifikaw ruħhom biex pajjiżna jkun ħieles, u biex il-ġenerazzjoni tal-ġejjieni tkun libera mill-jasar tan-Nażiżmu u biex is-sisien tad-demokrazija ma jiġġarrfux taħt it-toqol ta' l-egoiżmu u d-dittatura.

U hawn niġi għal Għajnsielem. Għajnsielem fil-gwerra kellu wkoll is-sehem tiegħu fil-gżira Għawdxija. Tajjeb insemmi li l-Iskola Primarja fi Triq Hamri, kienet fil-gwerra maqsuma f'żewġ sulari, għall-bniet u għas-subien. Fit-30 ta' Jannar 1941, is-sular ta' fuq tas-subien ittieħed mir-refuġjati Maltin, li dik il-ħabta invadew lil Għawdex. Dawn damu hemm sat-18 ta' Novembru 1941, meta mbagħad ġew trasferiti fl-Iskola Primarja ta' Kerċem. It-tfal għalhekk kienu jitgħallmu erba' sigħat kuljum inklużi s-Sibtijiet. Is-subien kienu jitgħallmu filgħodu jew filgħaxija. Fit-8 ta' April 1942, fi Triq Simirat u fi Triq Marina, inkrew żewġ kmamar biex imorru jitgħallmu xi tfal. F'din l-iskola kienet ukoll tinżamm l-iskola ta' bil-lejl.

Fuq kollox Għajnsielem kellu jduq mill-qilla sfrenata tal-għadu. Nhar il-Hamis 29 ta' Jannar 1942, sar ħbit mill-ajru. Ajruplan *Junker 88* tefa' sitt bombi f'Għajnsielem, u waħda minnhom waqgħet direttament fuq id-dar bin-numru 112 fi Triq Hamri. Din kienet tas-Surmast Wenzu Grech ta' 53 sena, u li kien il-kap ta' l-iskola ta' l-istess raħal. Il-ħin kien bejn fis-7.15 ta' filgħodu. Il-ħames bombi l-oħra waqgħu bejn wieħed u ieħor mhux tant 'il bogħod minn dik li waqgħet fuq id-dar tal-familja Grech. Xi djar minn Triq Hamri ġarrbu ħsarat. Hames persuni minn familja waħda mietu u oħrajn sfaw feruti. Dan kien ħbit fejn f'Għawdex ħalla ħames persuni mejtin minn familja waħda. L-ebda attakk mill-

ajru li kien ġara qabel f'Għawdex ma kellu daqshekk vittmi. Kienet għalhekk għalina l-Għawdxin ġrajja tabilħaqq kerha u drammatika, dehxa għal gżira tant kwieta.

Id-dar bin-numru 112 fi Triq Ħamri, iġġarrfet għal kollox. Fiha kienet tgħix il-familja Grech. **Carmela Grech** mart Wenzu, ta' 49 sena flimkien ma' erba' wliedha **John Grech** ta' 14-il sena, **Anġela Grech** ta' 7 snin, **Agnes (Ines) Grech** ta' 16-il sena u **Amalia Grech** ta' 17-il sena (li nstabet feruta serjament ħdejn il-bieb ta' barra u li mietet ftit minuti wara li ħaduha l-Isptar Victoria), kollha ntradmu u sfaw vittmi taħt id-dar tagħhom stess. Oħthom, Rita Grech ta' madwar 23 sena, korriet gravi u ttieħdet l-Isptar Victoria fejn damet 37 jum. Korrew ukoll f'din id-dar Theresa Grech[1] ta' 21 sena u Joe Grech ta' 12-il sena. Wenzu Grech, li kien il-quddies fil-parroċċa tar-raħal, ma ġralu xejn iżda ddaħħal l-Isptar Victoria u nżamm madwar 19-il jum minħabba l-qatgħa li ħa. Id-dar bin-numru 113 ta' Vincent Galea ta' 84 sena, id-dar bin-numru 102 ta' Dun Ġużepp Galea, id-dar bin-numru 110 ta' Ġużeppa Rapa ta' 60 sena, armla ta' Mikiel (Ta' Peppina), id-dar bin-numru 89 ta' Wenzu Refalo ta' 60 sena, u d-dar bin-numru 90 ta' Joseph Cauchi (Ta' Żeppu Kamra) ta' 36 sena, ilkoll sfaw bi ħsarat kbar kawża tal-bombi.

Insemmi wkoll li Għajnsielem fil-gwerra laqa' wkoll is-Sorijiet Franġiskani fi Triq Sant' Antnin. Dawn kienu ġew trasferiti Għawdex minħabba l-qilla sfrenata tal-għadu fuq Malta. Proprju l-ewwel sorijiet trasferiti f'Għawdex kienu s-Sorijiet Franġiskani ta' l-Orfanatrofju ta' Fra Diegu ta' Villambrosa, il-Ħamrun. Dawn kienu ġew f'Għawdex kmieni fil-gwerra u kienu tpoġġew f'diversi postijiet. Aktar tard marru fil-post magħruf bħala "Ta' Gliex", qrib sewwa l-knisja u l-kunvent ta' Ġieżu tal-patrijiet, fi Triq Sant' Antnin, Għajnsielem, fejn fil-11 ta' Mejju 1941, minħabba l-bombi, kien inġab il-kurċifiss mirakoluż ta' Ġieżu mill-belt Valletta. Mit-tagħrif imgħoddi u mislut mill-Kronaka ta' l-Istitut ta' Villambrosa nixtieq nikkwota:

*It-tfal flimkien mas-sorijiet telqu lejn Għawdex fid-19 ta' Ġunju 1940 bil-kunsens u l-bontà ta' l-Isqof Mons. Mikiel Gonzi, li dak iż-żmien kien Isqof ta' Għawdex. Peress li n-numru tat-tfal kien kbir, allura ġew imqassmin fi bnadi differenti. Għall-ewwel iż-żgħar poġġewhom fil-Casa Madre tagħna - Triq Palma, Victoria, u l-kbar qagħdu għal ftit is-Seminarju ta' Għawdex. Wara xi xhur, il-kbar ħaduhom f'żewġt idjar l-Imġarr, ma' ġenb il-Kunvent tal-Patrijiet ta' Ġieżu u ż-żgħar f'dar fi Strada t-Telgħa, il-Qala.*[2] *Fir-Rebbiegħa 1945 it-tfal u s-sorijiet bdew jaqsmu lura lejn Malta ftit ftit, u sas-6 ta' Mejju 1945 kollha reġgħu lura fl-Istitut ta' Fra Diegu.*

Fil-knisja ta' Ġieżu dawn kienu kull filgħodu jisimgħu l-quddies … u tant kellhom tfajliet magħhom li kienu jimlew l-ewwel postijiet. Għall-ħtiġijiet spiritwali tagħhom kienu jinqdew bil-patrijiet tal-kunvent. Dawn kienu l-aħħar sorijiet trasferiti li telqu minn Għawdex wara li ntemmet il-gwerra. Xi sorijiet oħra Franġiskani minn postijiet oħra f'Malta kienu wkoll ġew trasferiti f'Għawdex u għal żmien tqiegħdu fid-dar tal-villeġġjatura li s-Sorijiet Franġiskani tal-Karità għandhom il-Qbajjar ta' Għawdex.

Ma jistax jonqos li f'Għajnsielem fil-Gwerra kien hemm għadd ta' xeltrijiet. Fosthom fi Triq Ħamri, Triq Fawwara, Pjazza tal-Knisja, Triq il-Ġnien, Triq Għajnsielem, tnejn fi Triq l-Imġarr, Triq Simirat, Triq in-Nadur u xi oħrajn. F'dawn ix-xeltrijiet bosta nies minn Għajnsielem kellhom jgħaddu sigħat twal, iljieli sħaħ bi tbatija fil-kesħa u l-umdità, jitolbu u jgħidu r-Rużarju. It-tfal ta' l-iskola, min-naħa l-oħra, kemm -il darba kellhom jitwaqqfu mil-lezzjoni biex waqt ħbit imorru fix-xelter u ma jitgħallmu xejn.

Fil-*Victory Kitchens* f'Għajnsielem kien hemm madwar 400 irreġistrati. Din għall-ewwel kienet f'Nadur Road imbagħad ġiet trasferita f'numru 121 Triq Ħamri. F'dawn il-kċejjen kien jitqassam l-ikel … iżda ikel mill-ifqar bil-kemm jittiekel. Iżda jekk tkun bil-ġuħ u m'għandekx minfejn iġġib, x'tagħmel! Ma' dawn lanqas nista' ninsa l-Uffiċċju ta' l-Informazzjoni u l-Propaganda li kien infetaħ f'Għajnsielem minn Ġorġ Pisani u George Ransley, il-kummissarju għal Għawdex, f'Nru 42 Triq Simirat, nhar il-Ħadd 4 ta' April 1943 u tbierek mill-Kappillan Dun Franġisk Mizzi.

Fl-aħħarnett insemmi lil dawn l-Għawdxin minn Għajnsielem li fil-gwerra tilfu ħajjithom. Billi Għajnsielem jinsab qrib l-Imġarr, bosta Għajnsielmin ittantaw xortihom fuq il-baħar.

Malli kienu jispiċċaw l-iskola bosta żgħażagħ kienu jingaġġaw mad-dgħajjes tal-pass bejn Għawdex u Malta. Oħrajn li kienu aktar avventurużi kienu jinbarkaw ma' vapuri merkantili u jbaħħru l-ibħra u l-oċeani. Huwa minħabba dan il-fatt li bosta vittmi tal-gwerra minn Għajnsielem mietu mgħarrqa fil-baħar mal-vapuri merkantili jew mad-dgħajjes tal-pass. Hawn taħt se nagħti lista dettaljata ħafna tal-vittmi Għajnsielmin li mietu tul l-aħħar gwerra. Din il-lista tinsab fil-ktieb li għadni kemm ħriġt "IL-VITTMI GĦAWDXIN TAT-TIENI GWERRA".

**Abela Mikiel** (Ta' Ġewża) ta' 20 sena, bin Anġelo u Ġużeppa Xuereb minn Triq Simirat. Twieled Għajnsielem fl-20 ta' Jannar 1922[3] u għereq bħala *Fireman* fuq il-vapur merkantili *Aliakmon* fl-14 ta' Mejju 1942.[4]

**Azzopardi Pawlu** (Il-Qattus) ta' 53 sena, bin Joseph u Marija Galea, żewġ Marija Attard, li kien joqgħod f'Nru 15 Triq Fawwara. Huwa miet fid-29 ta' Diċembru 1941 meta kien ġej mill-Port il-Kbir lejn Għawdex ma' l-iskuna *Marie Georgette*.[5] Fuq l-iskuna kien hemm madwar 20 persuna. Fil-vjaġġ tagħha lejn Għawdex, tard wara nofsinhar, l-iskuna *Marie Georgette* waqt li kienet quddiem *Pembroke* viċin id-Dragunara, ġiet attakkata minn żewġ ajruplani Ġermaniżi u ħadet in-nar għax fuqha kellha xi tankijiet tal-petrol. Fuq l-iskuna korrew diversi persuni u ma' Azzopardi mietu wkoll (a) Feliċ Bigeni (b) il-Kaptan Marċell Theuma u (ċ) Ġużepp Muscat li kien minn Ta' Sannat.

**Bigeni Feliċ** (Ta' Portondu) ta' 32 sena, bin Franġisk u Marija Grima. Huwa twieled in-Nadur fl-10 ta' Settembru 1909 u kien joqgħod fi Triq Xandriku, in-Nadur. Meta kiber iżżewweġ lil M'Anna Scicluna minn Għajnsielem u kien joqgħod fid-dar numru 55 fi Triq Ħamri, Għajnsielem. Dan in-negozjant miet fid-29 ta' Diċembru 1941[6] fuq l-iskuna *Marie Georgette* meta kien ġej lejn Għawdex mill-Port il-Kbir. L-iskuna ġiet attakkata minn ajruplani Ġermaniżi. Miegħu mietu (a) Pawlu Azzopardi (b) Marċell Theuma u (ċ) Ġużepp Muscat minn Ta' Sannat.

**Bugeja Emanuel** (Taċ-Ċinċellana) ta' 24 sena, bin Mikiel u Marija Mercieca, minn Triq Sant' Indrija. Huwa għereq bħala *Deck Boy* wara li spiċċat il-gwerra mal-vapur merkantili *Skipjack* ta' 1000 tunnellata, fid-19 ta' Awwissu 1946 fil-11 pm.[7] Dan il-vapur, taħt il-kaptan Raymond Powell, u li kien sejjer Ravenna fl-Adrijatiku, laqat mina u għereq wara li kien għadu kif telaq minn Venezja. Miegħu mietu wkoll: Ġużepp Grima, Carmelo Rapa, Anton Scicluna u Joseph Scicluna - kollha minn Għajnsielem.

**Cauchi Ġużepp** (Ta' Ċella) ta' 17-il sena, bin Ġanni u Marija Galea, li kien joqgħod f'Nru 6 Triq il-Ġnejna. Fis-27 ta' Lulju 1943 huwa sab jew ħa bomba mill-kampijiet ta' l-Amerikani li kienu fejn illum hemm il-*Gozo Press*, u fil-Pjazza ta' Għajnsielem qagħad jilgħab biha sa ma splodiet u ħallietu gravi. Ittieħed l-Isptar Victoria b'ambulanza Amerikana, fejn miet l-għada ta' l-inċident, it-28 ta' Lulju 1943 fil-5.00 ta' filgħodu.[8]

**Costa Carmelo** (Fixkel) ta' 35 sena, bin Girgor u Loreta Costa, li kien joqgħod f'Nru 83 Triq Ħamri. Hu miet fuq id-dgħajsa *Stella Maris* (G38) imlaqqma "Tal-Biċċerin" meta kienet ġejja lejn Għawdex fil-15 ta' Marzu 1941. Ħdejn ix-Xatt ta' Pinto (*Pinto Wharf*) din ħabtet ma' mina u għerqet.[9] Ma' Costa mietu wkoll Salvu Grech minn Għajnsielem, Emanuel Borg mix-Xewkija u Salvu Rapa min-Nadur.

**Grech Anġela** (Tas-Surmast) ta' 7 snin, bint Wenzu u Carmela Agius, li kienet toqgħod f'Nru 112 Triq Ħamri. Hija mietet mirduma taħt ir-rovini tad-dar (flimkien ma' ommha u tlieta oħra minn ħutha) meta bomba waqgħet fuq id-dar. Dan ġara fid-29 ta' Jannar 1942 ħabta tas-7.15 ta' filgħodu.[10] Missierha Wenzu, ma ġralu xejn għax kien il-quddies, iżda nżamm l-isptar minħabba l-qatgħa. Tlieta oħra minn ħutha korrew. Dakinhar madwar sitt bombi ntefgħu minn ajruplan Ġermaniż. B'konsegwenza tal-ħbit xi oħrajn li kienu joqogħdu viċin indarbu.

**Grech Carmela** (Tas-Surmast) ta' 49 sena, bint Antonio Agius u Anġela Grech, mart Wenzu, li kienet toqgħod f'Nru 112 Triq Ħamri. Hija mietet mirduma ma' erbgħa minn uliedha fid-dar tagħha stess. Dan ġara fid-29 ta' Jannar 1942, kawża ta' bomba li waqgħet fuq darha.[11]

**Grech Emilja** jew **Amalia** (Tas-Surmast) ta' 17-il sena, bint Wenzu u Carmela Agius, li kienet toqgħod f'Nru 112 Triq Ħamri. Hija mietet ftit minuti wara li ttieħdet l-Isptar Victoria, ħabta tat-8.15 ta' filgħodu, kawża tal-ġrieħi gravi li ġarrbet

ftit tal-ħin qabel, fid-29 ta' Jannar 1942, meta waqgħet bomba fuq id-dar, ħabta tas-7.15 ta' filgħodu.[12]

**Grech Ines** jew **Agnes** (Tas-Surmast) ta' 16-il sena, bint Wenzu u Carmela Agius, li kienet toqgħod f'Nru 112 Triq Ħamri. Hija ntradmet u mietet ma' ħutha u ommha fid-29 ta' Jannar 1942.[13]

**Grech John** (Tas-Surmast) ta' 14-il sena, bin Wenzu u Carmela Agius, li kien joqgħod f'Nru 112 Triq Ħamri. Huwa miet mirdum mal-familja tiegħu fid-29 ta' Jannar 1942, wara li bomba waqgħet fuq id-dar.[14]



**Grech Salvu** (Barżnakk) ta' 50 sena, bin Alfonso u Francesca Ciantar, żewġ Karmena, li kien joqgħod f'Nru 12 Triq Sant' Indrija. Huwa miet fil-15 ta' Marzu 1941[15] ma' Carmelo Costa minn Għajnsielem, Emanuel Borg mix-Xewkija u Salvu Rapa min-Nadur, meta d-dgħajsa *Stella Maris* (G38), imlaqqma "Tal-Biċċerin" għax kienet iġġorr il-laħam, ħabtet ma' mina ħdejn ix-Xatt ta' Pinto u għerqet, hi u sejra lejn Għawdex.

**Grima Ġużepp** (Ta' Nozzi) ta' 43 sena, bin Emanuel u Carmela Manueli, minn Triq is-Santwarju. Huwa għereq mal-vapur *Skipjack* ta' 1000 tunnellata li fuqu kien bħala *Able Seaman*, fid-19 ta' Awwissu 1946[16] fil-11 ta' bil-lejl, meta l-vapur laqat mina u għereq qrib Ravenna fil-baħar Adrijatiku. Miegħu mietu wkoll Emanuel Bugeja, Carmelo Rapa, Anton Scicluna u Joseph Scicluna; kollha minn Għajnsielem.

**Mifsud Anton** (Ta' Sofina) *Gunner 20243, 11th Regiment, Royal Malta Artillery*, ta' 38 sena, bin Ġamri u Orsla Grima, żewġ Loreta Grima, minn Triq Ħamri. Huwa miet Ħaż-Żabbar jaqdi dmiru bħala kanunier fl-1 ta' April 1942.[17]

**Rapa Carmelo** (Ta' l-Istambozz) ta' 41 sena, bin Ġanni u Karmena Azzopardi, żewġ Pawla Spiteri. Huwa miet bħala *Able Seaman* fuq il-vapur *Skipjack* ta' 1000 tunnellata fid-19 ta' Awwissu 1946[18] fil-11 ta' bil-lejl, meta dan il-vapur laqat mina u għereq mil bogħod minn Ravenna fl-Adrijatiku. Jinsab midfun fiċ-ċimiterju tal-gwerra f'Bologna. Miegħu mietu Emanuel Bugeja, Ġużepp Grima, Anton Scicluna u Joseph Scicluna; kollha minn Għajnsielem.

**Scicluna Anton** (Ta' Pupull) ta' 39 sena, bin Ġużepp u Vinċenza Xuereb, żewġ Loreta Bugeja, minn Triq il-Ġnien. Huwa miet imgħarraq bħala *Boatswain* mal-vapur *Skipjack* ta' 1000 tunnellata, li ħabat ma' mina qrib Ravenna fl-Adrijatiku, fid-19 ta' Awwissu 1946[19] fil-11 ta' bil-lejl. Miegħu mietu wkoll Emanuel Bugeja, Ġużepp Grima, Carmelo Rapa u Joseph Scicluna; kollha minn Għajnsielem. Jinsab midfun fiċ-ċimiterju tal-gwerra ta' Bologna.



**Scicluna Emanuel** (Ta' Marija ta' Rożina) ta' 27 sena, bin Mikiel u Marija Debono, li kien joqgħod f'Nru 32 Triq Għajnsielem.[20] Huwa għereq mal-vapur *SS Zouave*, ta' 4256 tunnellata, li fuqu kien bħala *Able Seaman* fis-17 ta' Marzu 1943. Il-vapur, li kien qiegħed jagħmel parti minn konvoj SC122, tniżżel minn U. 305. Pożizzjoni ta' l-għarqa: 52 25N 30 15W.

**Scicluna Joseph** (Tal-Molla) ta' 35 sena, bin Franġisk u Ċetta Scicluna, żewġ Karmena Cutajar. Huwa għereq ma' sħabu l-oħra minn Għajnsielem meta l-vapur *Skipjack* ta' 1000 tunnellata ħabat ma' mina u għereq qrib Ravenna fil-baħar Adrijatiku fid-19 ta' Awwissu 1946[21] fil-11 ta' bil-lejl wara li telaq minn Venezja. Scicluna kien iservi bħala *Able Seaman* fuq il-vapur. Jinsab midfun fiċ-ċimiterju tal-gwerra f'Bologna.

**Sultana Ġużepp** (Ta' Rożina) ta' 36 sena, bin Franġisk u Marija Theuma, żewġ Pawla Debono, li kien joqgħod f'Nru 30 Triq Fuq il-Għajn. Huwa għereq mal-vapur merkantili *SS Lancastrian Prince*, ta' 3400 tunnellata, li fuqu kien bħala *Able Seaman* fil-11 ta' April 1943.[22] Il-vapur, li kien qiegħed jagħmel parti minn konvoj ON176, tniżżel minn U.404. Miegħu għerqu Carmelo Debono mix-Xewkija u Ġanni Grima min-Nadur. Pożizzjoni tal-għarqa: 50 18N 42 48W.

**Theuma Marċell** (Il-Kaptan) ta' 50 sena, bin Ġużepp u Karmena Grech, żewġ Karmena Calleja, minn Triq in-Nadur, illum Triq Sant' Antnin, Għajnsielem. Twieled ix-Xewkija fl-1 ta' Mejju 1891 u meta kiber iżżewweġ u mar joqgħod Għajnsielem. Huwa kien il-Kaptan qalbieni ta' l-iskuna Għawdxija *Marie Georgette* li ġiet attakkata minn ajruplani Ġermaniżi fid-29 ta' Diċembru 1941[23] waqt il-vjaġġ tagħha lejn Għawdex wara nofsinhar. B'kuraġġ kbir u ferut, Theuma rnexxielu jwassal f'baħar imqalleb l-iskuna taqbad bit-tankijiet tal-petrol fuqha, qrib San Ġorġ f'San Ġiljan. Huwa ttieħed l-Isptar Militari ta' *Saint Patrick* fejn miet ftit tal-ħin wara. Miegħu mietu wkoll Pawlu Azzopardi u Feliċ Bigeni minn Għajnsielem u Ġużepp Muscat minn Ta' Sannat. Fost il-madwar għoxrin persuna fuq l-iskuna, korrew uħud.

**(Footnotes)**

1 Ibid., Kaú Nru. 26. Theresa Grech damet 22 jum l-Isptar Victoria.

2 Ġanna Buttigieg mill-Qala, li dakinhar kellha 16-il sena, tiftakar li mhux l-ewwel darba marret għand dawn is-sorijiet fi Triq it-Telgħa, biex tagħtihom b'karità xi ġidra, qara' twila u l-bqija milli missierha kien ikabbar fir-raba'. It-tfal żgħar orfni f'dal-post kienu jmorru l-iskola tas-sorijiet fi Triq il-Kunċizzjoni (Tagħrif mogħti minn Ġanna Buttigieg lil Charles Bezzina - 6 ta' Ġunju 2001).

3 PRG, Twelid, 1922/89.

4 APGħs, *Liber Def*, Vol III, 95.

5 PRM, Mewt, 1942/531. Ara APGħs, *Liber Defunctorum,* Vol II, 387.

6 APGħs, *Liber Def.*, Vol II, 387.

7 Ibid., *Liber Def.* Vol III, 136.

8 PRG, Mewt, 1943/628. Ara wkoll APGħs, *Liber Def.*, Vol III, 93.

9 PRM, Mewt, 1941/1247. Ara wkoll APGħs, *Liber Def.*, Vol II, 369.

10 PRG, Mewt, 1942/84.

11 Ibid., Mewt, 1942/81.

12 Ibid., Mewt, 1942/90. Ara wkoll NAG, 1/PD255, Okk. Nru. 2635.

13 PRG, Mewt, 1942/82.

14 Ibid., Mewt, 1942/83.

15 PRM, Mewt,1941/1280. Ara wkoll APGħs, *Liber Def.*, Vol II, 369.

16 APGħs, *Liber Def.*, III, 136.

17 Ibid., 14.

18 Ibid., 135.

19 APGħs, *Liber Def.*, Vol III, 135.

20 APGħs, *Liber Bapt.*, Vol III, 82.

21 APGħs, *Liber Def.*, Vol III, 135.

22 APGħs, *Liber Matrim.*, Vol II, 88.

23 PRG, Twelid, 1891/294. PRM, Mewt, 1942/310. Ara wkoll APGħs, *Liber Def.*, Vol II, 388.

GRECH
ALUMINIUM
Grech Aluminium (former of Xuereb Aluminium)
Mario Grech
Managing Director
57 Triq il-Ġnien, Għajnsielem
*Tel:* 2155 3161 *Fax:* 2156 2993 *Mob:* 9943 5725